**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-13 ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru : 25/2022 JPG**
**Kawza Numru : 19**

**DG u MG ghal kull interess li jista' jkollha**
**Vs**
**MT u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DG datat 27 ta' Jannar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn ir-rikorrenti MG u l-konvenut MT, nhar X twieled ir-rikorrent DG u dan kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok A;*

2. *Illi madanakollu l-wild DG gie indikat bhala iben ta' "missier mhux maghruf";*

3. *Illi madankollu m'hemmx dubju dwar il-paternita` tar-rikorrent DG tant li meta r-rikorrenti MG pprocediet b'ittra ufficjali bin-numru 51/2021, il-konvenut MT, permezz ta' nota, kkonferma li Dunstin huwa ibnu (Dok B);*

4. *Illi madanakollu stante li l-partijiet ma qablux fuq il-kunjom li kellu jiehu r-*

*rikorrent DG, li dak iz-zmien kien ghadu minuri, ir-registrazzjoni ma setghetx tigi affettwata mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;*

5. *Illi kien ghalhekk li kif appena l-wild ghalaq tmintax-il sena huwa flimkien mar-rikorrent omm rega' intavola l-ittra ufficjali bin-numru 83/2021 fil-konfront tal-konvenut MT sabiex dan tal-ahhar jirrikonoxxih (Dok C);*

6. *Illi madanakollu din id-darba, il-konvenut MT ghazel li jibqa' inadempjenti u kien ghalhekk li r-rikorrenti kellhom jipprocedu bir-rikors guramentat odjern sabiex il-wild jigi rikonoxxut ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut MT huwa l-missier naturali u bijologiku tar-rikorrent DG u konsegwentement:*

2. *Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' DG billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier ir-rikorrent jigu kkancellati l-kliem "missier mhux maghruf" u jigu sostitwiti b'isem u kunjom il-konvenut u cioe` "MT" u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta`, ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missieru, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;*

3. *Tordna li minkejja dan ir-rikonoxximent, ir-rikorrent DG jibqa' maghrufa bil-kunjom "G";*

4. *Tordna jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid ta' DG;*

5. *Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-imsemmija korrezzjonijiet;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 28 ta' Marzu 2022, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;*

2. *Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif ipprovdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk MT huwiex verament il-missier naturali ta' DG;*

3. *Illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, l-esponenti jitlob illi permezz ta' nota jiġu ppreżentati d-dettalji kollha neċessarji ta' MT u ċioe': (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identità, (3) l-età tiegħu meta twieled DG, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi DG, (6) isem u kunjom missieru u (7) jekk il-missier patern kienx għadu ħaj meta twieled DG. Tali informazzjoni tkun meħtieġa sabiex eventwalment tkun tista' tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent DG innumerat 3304/2003;*

4. *Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, l-esponent jirrileva illi għandu jiġi deċiż b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi r-rikorrent DG a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, in kwantu r-rikorrenti jitolbu illi kwalunkwe korrezzjoni li tista' tiġi ordnata fl-att tat-twelid ta' DG tiġi riflessa f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti għall-att tat-twelid in kwistjoni, id-Direttur*

*intimat jirrileva illi sabiex isir tibdil f'atti oħrajn, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw liema huma dawn l-atti bin-numru progressiv u s-sena relattiva tagħhom;*

6. *Illi finalment u dejjem mingħajr ħsara għas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandhux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi l-intimat MT gie notifikat fis-6 ta' Mejju 2022 u ma pprezenta ebda risposta izda fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2022, MT, kif assistit iddikjara u kkonferma illi huwa l-missier naturali tal-minuri DG (vide fol 28);

Rat illi l-atturi seduta stante urew ix-xewqa illi DG ghandu jibqa jzomm il-kunjom ta' 'G';

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, li jirregola l-azzjoni ta' filjazzjoni intavolata minn missier li jkun irid jirikonixxi tarbija li taghha hu jghid li hu l-missier. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

***"(1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:***

***Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala l-ġenitur li ma wiledx hija minuri, l-għarfien huwa null:***

***Iżda wkoll l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma***

> ***jkollu ebda effett u ma jiġi rreġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ, u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn minn tali notifika, permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali un-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Diretturtar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:***
>
> ***Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkun għamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili***

Mill-atti jirrizulta illi omm ir-rikorrenti u cioe l-attrici MG u l-intimat MT kienu involuti f'relazzjoni intima. Illi r-rikorrenti MG weldet iben, fl-10 ta' Settembru 2003, u cioe ir-rikorrenti DG u dana kif jidher mill-att tat-twelid *a fol 5* tal-atti. Illi ormai l-attur huwa maggiorenni ta' ghoxrin (20) sena. Illi kif jirrizulta mill-att tat-twelid esebit, DG kien gie registrat minn ommu MG bhala wild missier mhux maghruf.

Illi l-Qorti rat ukoll illi l-attrici MG kienet intavolat l-ittra ufficjali (51/2021) ai termini tal-artikolu 86 tal-Kodici Civili nhar il-**27 ta' Mejju 2021**, liema ittra giet notifikata lill-intimat MT fid-**9 ta' Lulju 2021**. Illi l-intimat Tabone permess ta' nota datat 29 ta' Lulju 2021 fl-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 51/2021, **ammetta** illi DG huwa il-wild naturali tieghu u li l-imsemmi intimat dejjem rabba u kien prezenti fil-hajja ta' ibnu u anke kkontribwixxa finanzjarjament anke ghat-trobbija u l-ispejjes relattivi u ghalhekk ma kellux oggezzjoni li jsiru l-emmendi necessari.

Illi l-attur DG jirrileva illi sussegwentement ghal din l-ittra, l-genituri tieghu ma kienux qablu fuq il-kunjom li l-istess attur kellu jgib, li dak iz-zmien kien ghadu minuri. Illi ghalhekk ir-registrazzjoni ma setghetx issehh. Illi kien porpju ghalhekk illi kif l-attur ghalaq tmintax (18)- il sena, huwa, flimkien ma' ommu, rega intavola ittra ufficjali bin-numru 83/2021 datata 15 ta'

Settembru 2021 (vide fol 9) izda din id-darba l-intimata baqa inadempjenti u ma wegibx. Illi kien ghalhekk li r-rikorrenti flimkien ma' ommu kellhom jipprocedu bil-proceduri odjerni.

Illi kif diga accennat aktar qabel, din il-Qorti rat illi fl-udjenza tas- 6 ta' Ottubru 2022, (vide verbal a fol 28 tal-atti), l-avukat difensur tal-intimat MT ikkonferma illi l-intimat imsemmi huwa l-missier natural ta' DG u li kien fi hsiebu jippresenta nota formali b'dana illi tali dikjarazzjoni flimkien mal-konnotati kollha mehtiega ikunu bil-miktub. Illi din il-Qorti rat illi l-intimat baqa inadempjenti.

**Ikkonsidrat:**

In vista tan-nota ta' ammissjoni tal-intimat fl-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 51/2021 (Vide Fol 7), u d-dikjarazzjoni maghmula mill-intimat assistit mill-avukat difensur tieghu fl-udjenza tas- 6 ta' Ottubru 2022, din il-Qorti tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur DG huwa wild l-intimat MT.

Fir-rigward tal-kunjom tal-attur li llum huwa maggiorenni, din il-Qorti rat illi l-attur jixtieq illi jibqa' maghruf bil-kunjom G kif dejjem kien maghruf minn twelidu. Illi l-istess hija x-xewqa tal-attrici omm. Din il-Qorti tqis illi gja la darba il-genituri hadu 'il fuq minn tmintax-il sens biex jiddeciedu jiffinalizzaw procedure ta' filjazzjoni, bil-konsegwenza li l-attur illum maggiorenni u huwa maghruf ma shabu u ma min kull jafu bil-kunjom G, ma tqisx illi jkun ghaqli jew gust li l-attur jitghabba b'kunjom iehor.

Rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti rat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

> *"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);*
>
> *Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'dana kollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda semplicimen formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."*

Il-Qorti tosserva illi l-attur flimkien ma' ommu ntavola il-proceduri odjerni kif appena sar maggiorenni u dana wara li r-registrazzjoni baqghet ma saritx minkejja li l-intimat MT kien ammetta illi l-attur huwa il-wild naturali tieghu. Illi l-partijiet ex admissis irrilevaw u bil-gurament taghhom ikkonfermaw **illi l-paternita tal-attur kienet minn dejjem maghrufa**. Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet genituri inkluz l-ispejjes tal-attur DG u dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara illi l-konvenut MT huwa l-missier natural u bijologiku tar-rikorrenti DG li twieled nhar X;**

2. **Tilqa' t-tieni talba tal-atturi u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-attur DG liema att ghandu n-numru 3304/2003 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' ta' DG fosthom: billi fil-kolonna fejn hemm indikat id-dettalji tal-missier, jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u minflok jigu nseriti isem u kunjom l-intimat u cioe MT detentur tal-karta tal-identita bin-numru 247482M imwieled Pieta; fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier l-attur inizzel in-numru "21"; fil-kolonna Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" inizzel l-post "Mosta"; inizzel il-kliem "LT" (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet";**

3. **Tilqa' it-tielet talba tal-atturi u tordna illi l-attur DG jibqa' maghruf bil-kunjom G;**

4. **Tilqa' r-raba talba u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali att tat-twelied;**

5. **Tilqa l-hames talba tal-attur u filwaqt li tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-imsemmija korrezzjonijiet, tordna ukoll illi wara li jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-attur DG liema att ghandu n-numru 3304/2003 johrog att tat-twelid li jirrifletti l-verita' dwar il-paternita' tal-imsemmi DG u dana wara li jithallsu d-debiti drittijiet ai termini tal-Ewwel Skeda tal-Kodici Civili;**

**Tordna illi MG u MT jhallsu l-ispejjes kollha tal-kawza b'mod ugwali bejniethom inkluz dawk tal-attur u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**